MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 362/2009

**Bezzina Yacht Yard Limited**

**Vs**

**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-bastiment M.Y. Navigator**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-14 ta' April 2009 l-attrici qeghda titlob il-hlas ta' mija u hmistax-il elf sebgha mija u sebgha u sittin ewro u wiehed u sittin centezmu (€115,767.61) bhala hlas ghal tiswijiet, tibdil, manutenzjoni u spejjez ohra amministrattivi li saru.

Permezz ta’ twegiba guramentata prezentata fit-30 ta’ Gunju 2009[1]:-

1. Il-pretensjonijiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Qatt ma gie ffirmat ftehim formali u lanqas ma nghatat awtorizazzjoni biex isir xi xoghol fuq il-bastiment.
3. Is-somma li qeghda tintalab teccedi sew ix-xoghol li gie dikjarat li sar. Inoltre saru xogholijiet fuq inizjattiva tal-attrici li qeghdin iservu ta’ pregudizzju ghall-konvenuta.

B’digriet li nghata fit-3 ta’ Mejju 2011 il-qorti inkarigat lil Dr Charmaine Galea bhala perit legali.

Fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2012 il-qorti ordnat li l-provi li kien fadal min-naha tal-kuratur kellhom jinstemghu quddiem il-qorti fis-seduta ta’ wara. Fil-verbal jinghad li: *“Il-qorti taghmilha cara li mhux ser ikun possibbli li l-kuratur jinghata opportunita ohra li jressaq provi. Ghalhekk jrid jizgura li dak li behsiebu jaghmel, jaghmlu fl-imsemmija seduta.”*. Fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2012 il-kuratur iddikjara li ma kellux provi ghal dakinhar u *“Spjega li rcieva email datata 9 ta’ Mejju 2012 fejn l-imsemmi Guadagnin talab ghall-perizja ta’ stima fuq il-valur tax-xogholijiet li ghamlet l-attrici fuq id-dghajsa.”*. Gialadarba kuntrarjament ghal dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2012, il-kuraturi ma ressqux provi, il-qorti ddikjarat il-provi maghluqa. Il-partijiet iridu jifhmu li l-ordnijiet tal-qorti ghandhom jigu segwiti. L-ordni li nghatat waqt is-seduta tal-20 ta’ Marzu 2012 kienet cara. Ovvjament f’dan il-kaz il-kuraturi kienu jiddependu mill-koperazzjoni ta’ persuna li tghix barra minn Malta u li kellha nteress f’dan il-procediment. Pero’ tali persuna ma kellha l-ebda jedd tiddeciedi hi kif ghandu jipprocedi s-smiegh tal-kawza. Mill-atti hu altru milli evidenti li kull min kellu interess f’dan il-procediment nghata l-opportunita kollha li jressaq il-provi.

F’rapport prezentat fit-30 ta’ Lulju 2012 il-perit legali rrelatat:-

[1] Fol. 24.

*"Illi l-vertenza principali f'din il-kwistjoni tirrivolvi ruhha fuq zewg punti u cioe:-*

*1. Jekk l-ispejjez dovuti lis-socjeta` attrici ghax-xoghol maghmul minnha fuq il-yacht in kwistjoni humiex esagerati, u*

*2. Jekk l-ispejjez ancillari mitluba mis-socjeta` attrici humiex fic-cirkostanzi prezenti gustifikati*

*Illi mar-rikors guramentat, is-socjeta' attrici esebiet statement of account (Dok BEZ1) datat 19 ta' April 2009 li fih bazikament jinkludi l-ispejjez kollha mitluba minnha. Illi minn ezami li l-esponent ghamlet tal-istess statement of account jirrizulta illi dan l-istatement jinkludi fih is-segwenti:-*

1. *Irmunkar tal-yacht minn Genova ghal Malta*
   *€21,169.00*
2. *Valur ta' xoghol fuq il-yacht*
   *€36,023.00*
3. *Berthing fees u Hire of Store*
   *€19,872.00*
4. *Dock Rent*
   *€23,600.00*
5. *Preparation and undocking*
   *€2,380.00*
6. *Lloyds Initial Inspection Fees*
   *€2,304.54*
7. *Spejjez ta' Studio Rossi Viareggio-Italy*
   *€10,000.00*
8. *Office Disbursements*
   *€419.07*

*Illi dwar l-ispejjez tal-irmunkar tal-yacht minn Genova ghal Malta ma jidhirx li jezistu divergenzi. Fl-opinjoni tal-esponent lanqas tista' tezisti xi tip ta' divergenza fuq il-Lloyds Initial Inspection Fees peress li dawn kienu necessitati biex il-yacht eventwalment ikun jista' jitpogga fuq ir-registru tal-istess Lloyds. Pero tezisti divergenza fuq l-items l-ohra kollha elenkati hawn fuq.*

*Illi fir-rigward tal-valur ta' xoghol fuq il-yacht jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet qed izzomm lil Giorgio Guadagnin aggornat bix-xoghol li kienet qed taghmel. Prova ta' dawn huma d-diversi work updates mibghuta lil Giorgio Guadagnin u esebiti mis-socjeta' attrici*[2]*. Fil-fatt huwa stess jammetti li x-xoghol ma sarx fuq inizjattiva tas-socjeta` attrici imma kien hemm qbil bejniethom dwar x'xoghol kellu jsir. Illi ghalkemm Giorgio Guadagnin jghid li huwa kien baghat zewg teknici biex jivverifikaw ix-xoghol li kien sar mis-socjeta` attrici u jghid li dawn irrapurtawlu li x-xoghol li raw kien stmat fl-ammont ta' €15,000, madankollu huwa la esebixxa r-rapport tal-istess teknici, kif gie mwieghed minnu fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2012, u lanqas ipproducihom bhala xhieda. Mistoqsi jekk dawn it-teknici kinux kellmu lil Victor Bezzina, Giorgio Guadagnin jghid li ma jiftakarx jekk fir-rapport taghhom kienx hemm imnizzel li kellmuh. Jghid ukoll illi Victor Bezzina ma nghatax kopja tal-istess rapport. Illi wara li l-esponenti ikkunsidrat dan kollu, hija tal-umli opinjoni illi Giorgio Guadagnin ma rnexxilux jipprova dak allegat minnu. Di piu` jekk huwa ried jikkontesta l-valur tax-xoghol li qieghedha tippretendi s-socjeta` attrici, seta' facilment jitlob il-hatra ta' Perit Tekniku biex jivvaluta x-xoghol li sar. Fl-ahhar u mhux l-inqas jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet qed tibghat payment claims regolari tax-xoghol li kien qed isir u dan kif jirrizulta minn Dok AC1 ipprezentat fis-seduta tad-29 ta' April 2010 u precizament is-segwenti:-*

| ***Claim No.*** | ***Details*** | ***Date*** |
|---|---|---|
| | ***Amount €*** | |
| *201* | *Towage Genoa-Malta* | *22.4.08* |
| | *21,169.00* | |
| *202* | *Stability Test* | *22.4.08* |
| | *2,150.00* | |

---

[2] Ara works update numru 1 mibghut fl-4 ta' April 2008, works update numru 2 mibghuta fis-7 ta' April 2002, works update numru 4 mibghut fil-5 ta' Mejju 2008, numru 5 mibghut fis-26 ta' Mejju 2008

*203 Docking and Survey Work 22.4.08 18,998.00*
*204 Dismantling Work 24.04.08 5,505.00*
*205 Fuel Tanks – Cleaning from Sludge 24.4.08 5,120.00*
*207 Crew's Quarters (stripping down) 28.04.08 4,250.00*

*Illi dawn l-ammonti ma gewx ikkontestati meta Giorgio Guadagnin ircevihom. Kien biss wara xi xhur, u cioe f'Ottubru 2008 li s-socjeta` attrici irceviet e-mail minghand id-Dottoressa Alongi li kienu qed jirriservaw id-dritt li jivverifikaw l-ammonti mitluba. Madankollu is-socjeta` attrici baqghat bla risposta minkejja d-diversi interpellanzi li ghamlet ghall-ammonti reklamati.*

*Kwindi, in mankanza ta' prova kuntrarja l-esponent hija tal-opinjoni illi l-valur tax-xoghol fuq il-yacht konvenut huwa gustifikat.*

*Illi kontestazzjoni ohra da parti ta' Giorgio Guadagnin huma l-ispejjez tal-irmigg u l-magazzinar. Huwa jissottometti illi meta huwa informa lir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici li kellu budget ta' €600,000 dan kien jinkludi fih kull spiza li setghet tkun relatata sabiex il-yacht jerga' jitpogga fuq ir-registru ta' Lloyds. Illi dawn l-ispejjez, jirrizultaw mis-segwenti payment claims u cioe :-*

***Claim No. Details Date Amount €***

*208 Dock Rent 26.4.08 to 24.06.08 23.06.08 12,000.00*
*209 Dock Rent 25.06.08[3] to 21.08.08 23.08.08 11,600.00*
*210 Preparation and undocking 01.09.08 2,380.00*

---

[3] Ghalkemm f'Dok BEZ1 anness mar-rikors guramentat id-data tidher 25.04.08 jidher li dawn huwa zball tat-tipa ghaliex id-data ghandha taqra 25.06.08

*211 Berthing Fees 22.08.08 to 30.09.08*
*01.09.08 1,520.00*
*212 Hire of Store up to 30.09.08 30.09.08*
*4,200.00*
*213 Berthing Fees 01.10.08 to 31.10.08*
*30.09.08 1,178.00*
*214 Berthing Fees 01.11.08 to 30.11.08*
*03.11.08 1,140.00*
*215 Hire of Store up to 31.12.08 03.11.08*
*2,100.00*
*216 Berthing Fees 01.12.08 to 31.12.08*
*26.01.09 1,528.00*
*217 Berthing & Store Rental up to 31.03.09*
*26.01.09 6,127.00*
*218 Berthing & Store Rental up to 20.04.09*
*19.03.09 2,079.00*

*Illi t-total ta' dawn l-ispejjez huwa ta' €45,852.*

*Illi jirrizulta illi f'April 2008 Giorgio Guadagnin ta struzzjonijiet lis-socjeta` attrici sabiex tissospendi x-xogholijiet fuq il-yacht in kwistjoni. Minn dakinhar, is-socjeta` attrici baqghat tissollecita lill-istess Guadagnin sabiex jaghtiha struzzjonijiet dwar kif ghandha tipprocedi[4]. Tali struzzjonijiet jirrizulta li qatt ma nghataw u ghalhekk is-socjeta` attrici giet rinfaccjata bis-sitwazzjoni li kellha bastiment f'bacir taghha li ma kien qed isir l-ebda xoghol fuqu. Illi jirrizulta illi l-istess bastiment inzamm fil-bacir mis-socjeta` attrici mis-26 ta' April 2008 sal-21 ta' Awissu 2008 pendenti li hija tircievi struzzjonijiet dwar il-prosegwiment tax-xoghol fuqu. Illi permezz ta' e-mail datata 23 ta' Awissu 2008 is-socjeta` attrici infurmat lid-Dottoressa Alongi li l-yacht kien se jitnehha mill-bacir u kien se jigi rmiggjat gewwa l-facilitajiet tal-istess socjeta` gewwa l-Marsa. Fl-istess e-mail gie indikat illi l-kera tal-bacir kienet tammonta ghal €200 kuljum filwaqt li l-ispejjez tal-irmiggjar kienu ta' €38 kuljum. Illi ma jidhirx li kien hemm xi reazzjoni immedjata ghall-kontenut tal-istess e-mail tant li lanqas meta Giorgio Guadagnin kien gie Malta*

[4] Ara fost ohrajn *e-mails* datati 10 ta' Gunju 2008, 7 ta' Lulju 2008, 14 ta' Lulju 2008, 30 ta' Ottubru 2008, 10 ta' Novembru 2008

*flimkien ma' zewg teknici biex jivverifikaw ix-xogholijiet li kienu lahqu saru ma saret xi oggezzjoni fir-rigward. Illi l-esponenti tirrileva illi d-dock rent u l-berthing fees kienu kwotati mis-socjeta` attrici fl-istima li hija baghtet lil Giorgio Guadagnin fl-14 ta' Frar 2008, abbazi ta' liema stima bdew isiru x-xogholijiet miftehma. Illi jirrizulta li ma saret l-ebda kontestazzjoni a tempo vergine tal-payment claims ghad-dock rent u s-Sur Guadagnin halla li din is-sitwazzjoni tipperdura nonostante li kien jaf li kien hemm dawn l-ispejjez li kienu qeghdin jigu inkorsi kuljum.*

*Illi pero l-esponenti tinnota illi permezz ta' e-mail <u>datata 8 ta' Mejju 2008</u>, Francesca Alongi, ghan-nom ta' Giorgio Guadagnin, kienet talbet lis-socjeta` attrici sabiex tibghatilha stima komplessiva tar-refitting li kellu jsir. Din l-istima komplessiva intbaghtet mis-socjeta' attrici permezz ta' e-mail <u>datata 26 ta' Mejju 2008</u>. Illi ghalhekk l-esponenti hija tal-opinjoni illi stante li Giorgio Guadagnin esiga tali stima minghand is-socjeta` attrici liema stima intbaghtitlu diversi jiem wara, jista' jkun anke minhabba t-teknikalitajiet li wiehed irid jidhol fihom f'dan ix-xoghol, ma jkunx gust li huwa jigi tenut ihallas spejjez tal-bacir pendenti li intbaghtet din l-istima. Ghalhekk fl-opinjoni tal-esponenti ghandu jitnaqqas il-perjodu mit-8 ta' Mejju 2008 sal-31 ta' Mejju 2008[5] ta' docking fees, u cioe perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) gurnata , liema docking fees jammontaw ghal €4800.[6]*

*Illi l-esponenti tirrileva illi li kieku s-socjeta' attrici thallset tempestivament tax-xoghol li kienet lahqet ghamlet, anke jekk ma kiex jintlahaq ftehim fuq ix-xogholijiet addizzjonali, u l-yacht jerga' jintbaghat lura ghand sidu, dawn l-ispejjez ma kinux jigu necessitati. Madankollu, minkejja li s-socjeta` attrici diversi drabi interpellat lil Giorgio Guadagnin biex jaghtiha risposta dwar il-prosegwiment tax-xogholijiet, dan baqa' inadempjenti ghad-domanda taghha u ghalhekk is-socjeta` attrici ma kellha l-ebda triq*

[5] Illi l-esponenti hija tal-opinjoni illi ghandu jigi mnaqqas l-ammont ta' dock rent sal-ahhar ta' Mejju 2008 peress li hu zmien ragonevoli entro liema Giorgio Guadagnin seta' jaghti risposta lis-socjeta` attrici wara li rcieva l-istima taghha fit-26 ta' Mejju 2008

[6] 24 gurnata x €200 kuljum

*ohra hlief li ticcargja l-imsemmija spejjez ghall-irmiggjar u l-magazzinar.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici hija gustifikata li titlob anke dan l-ammont minghand il-konvenuti nomine, meno s-somma ta' €4800 ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti.*

*Illi ghalhekk jonqos biss li jigu kkunsidrati l-ispejjez tal-Inginier Rossi, il-hlas lil Lloyds u xi spejjez tal-ufficju reklamati mis-socjeta` attrici.*

*Illi fir-rigward tal-kont tal-Inginier Rossi, ghalkemm Giorgio Guadagnin jghid fix-xhieda tieghu li ma kienx hu li nkarigah u li ma kellu l-ebda konnessjoni mieghu, mid-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici jirrizulta li Giorgio Guadagnin ghan-nom tas-socjeta Luxury Boat & Chartering S.r.l. fil-25 ta' Marzu 2008 kien iffirma zewg dokumenti, u cioe Certificate of Survey (For Towage) u wkoll il-Voyage Recommendations, mahruga minn Rossi Engineering Design & Services (REDS) fejn iddikjara li huwa kien fehem u accetta r-rakkomandazzjonijiet tal-istess Kumpanija. Illi jirrizulta illi l-Kumpanija REDS kienet inkarigata biex torganizza l-irmunkar tal-yacht minn Genova lejn Malta, liema irmunkar sar b'success kif jirrizulta mid-diversi e-mails esebiti. Kwindi l-claim ghall-pagament ghall-istess servizzi huwa gustifikat anke jekk jista' jaghti l-kaz li l-istess Rossi kien inkarigat mis-socjeta` attrici ghax ix-xoghol maghmul minnu mar ai fini sabiex il-yacht ikun jista' jitlaq minn Genova u jasal Malta. Illi fix-xhieda tieghu Guadagnin jissottometti illi l-Inginier Stefano Rossi, rapprezentant ta' REDS, kien fetahlu kawza hawn Malta biex jirkupra l-€10,000 dovuti lill-istess Kumpanija. Madankollu ma gie indikat lill-esponenti l-ebda referenza ta' din il-kawza u wisq anqas l-ezitu tal-istess jew jekk ghadhiex pendenti. Ghalhekk l-esponenti hija tal-umli opinjoni illi s-socjeta` attrici hija gustifikata li tirkupra dawn l-€10,000 minghand il-konvenuti nomine stante li l-istess spejjez marru a beneficcju tal-istess yacht.*

*Illi fir-rigward tal-ispejjez ta' Lloyds jirrizulta li fil-laqghat preliminari ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet, Giorgio*

*Guadagnin kien informa lir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici li ried li l-yacht terga' tigi ta' klassi li tikkwalifika ghad-dhul fir-Registru ta' Lloyds'. Sabiex dan isir kien necessarju li Lloyds jaghmlu pre-inspection survey li nzamm bejn l-14 ta' April 2008 u t-18 ta' April 2008. Dawn l-ispejjez ovvjament iridu wkoll jithallsu mill-konvenuti nomine u jidher li tali kont ma giex per se ikkontestat. L-istess kont gie mgharraf lil Giorgio Guadagnin permezz ta' email datata 14 ta' Lulju 2008 u ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni tieghu a tempo vergine.*

*Illi fir-rigward tal-office disbursements, ma jirrizultax li kien hemm xi kontestazzjoni partikolari dwarhom da parti tal-konvenuti nomine, u in oltre mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta` attrici jirrizulta illi effettivament saru diversi spejjez fil-perkors ta' qabel bdiet din il-procedura.*

*Illi ghalhekk minn dak hawn fuq sottomess jirrizulta illi ghalkemm qatt ma gie ffirmat u konkluz ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, kien fil-fatt intlahaq ftehim dwar ix-xoghol li kellu jsir inizjalment fuq il-yacht, u dan kif jirrizulta mix-xhieda tal-istess Giorgio Guadagnin. Del resto, il-ligi ma titlobx li ftehim ta' dan it-tip irid ikun bil-miktub biex ikun jghodd. Kwindi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti nomine ghandha tigi michuda.*

*Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti nomine, jigi rilevat illi kuntrarjament ghal dak eccepit ma saru l-ebda xogholijiet fuq l-inizjattiva tas-socjeta` attrici. In kwantu ghas-somma mitluba, l-esponent hija tal-umli opinjoni illi, fin-nuqqas ta' perizja teknika u ta' provi ohra da parti tal-konvenuti nomine, hija ghandha tistrieh fuq il-provi mressqa mis-socjeta` attrici.*".

Wara li l-qorti rat l-atti kollha tqies li l-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlet il-perit legali huma korretti u qeghda taddotta l-istess. Jirrizulta li l-attrici inghatat l-inkarigu biex taghmel *refitting* tal-yacht MY Navigator. Madankollu qatt ma gie ffirmat ftehim, ghalkemm fis-7 ta' Mejju 2008 Victor

Bezzina[7] kien baghat abbozz ta' ftehim permezz ta' email. Mill-korrispondenza li giet skambjata minn meta l-bastiment ingieb Malta fl-ahhar ta' Marzu 2008, jirrizulta li s-sidien kienu talbu s-sospensjoni tax-xogholijiet u qatt ma hadu decizjoni finali dwar jekk ix-xoghol ghandux jitkompla. Giorgio Guadagnin isostni li l-hlas li qeghda tippretendi l-attrici hu ezagerat. Semma per ezempju kif inghata rapport minn persuni teknici li x-xoghol li sar fuq il-yacht ma kienx jiswa iktar minn €15,000. Madankollu baqa' ma pprezentax ir-rapport. Il-qorti ma tifhimx l-atteggjament ta' Guadagnin, in kwantu mill-atti jirrizulta li l-ewwel fatturi nhargu f'April 2008 u ntbaghatu lilu permezz ta' email datata 5 ta' Mejju 2008. Madankollu ma tressqet l-ebda prova li dak iz-zmien Guadagnin kien oggezzjona ghall-hlas li ntalab mill-attrici. Ix-xoghol kollu li sar mill-attrici hu nkluz fil-kontijiet li hargu sal-ahhar ta' April 2008. Ir-raguni tghidlek li jekk Guadagnin verament kien tal-fehma li l-ammont mitlub ezagerat, kien joggezzjona mill-ewwel u jiehu passi biex jerga' jiehu l-pussess tal-yacht biex l-ispejjez ma jkomplux telghin. Pero ma tressqet l-ebda prova ta' dan. Anzi jirrizulta li d-diskussjonijiet tkomplew bil-ghan li jsir il-progett finali. Ghall-qorti dan l-atteggjament jimplika fih innifsu accettazzjoni tax-xoghol u hlas. Jirrizulta li fis-26 ta' Mejju 2008 Victor Bezzina baghat stima riveduta tal-progett peress li Guadagnin riedha iktar dettaljata biex ikun jaf bl-ezatt kemm kien ser jiswa l-progett. Hu xehed li kif ra l-istima *"....ho saltato sulla sedia perche era esattamente 3 volte di quello che era il mio budget. Il signor Bezzina ha sempre saputo di 600,000 come budget. Non era un mistero."*[8]. Jekk kien hekk ghalfejn ma baghatx risposta cara u tonda li l-istima ma kenitx accettabbli u li ma kienx ser ikompli bil-progett ? F'email datata 30 ta' Ottubru 2008 Bezzina baghat igharraf lil Francesc Allonghi, *"In the meantime we are still awaiting your instructions as how to proceed with the refit."*. Sahansitra, f'Jannar 2009 Francesca Allonghi baghatet dokument dwar ix-xogholijiet li kellhom isiru. Fatt li jkompli juri li sa dak iz-zmien Guadagnin kien ghadu nteressat li x-xoghol isir mill-attrici.

---

[7] Direttur tal-kumpannija attrici.
[8] Seduta tas-17 ta' Jannar 2012.

Il-kontijiet li hargu wara April 2008 jirreferu ghal *dock rent* (€200 kuljum) u *berthing fees* (€38 kuljum). Fi Frar 2008 Bezzina kien ta stima lil Guadagnin tax-xogholijiet u spejjez[9], fejn fost'affarijiet ohra jinghad li *dock rent* hi €200 kuljum. Ghalhekk fl-ewwel stima ssemmiet l-istess rata ta' hlas li qeghda tippretendi l-attrici. Ghaldaqstant, Guadagnin kien jaf, minn qabel li Bezzina ha l-pussess tal-yacht, kemm kienet ser tkun il-kera kuljum. Ghalhekk ma jistax jilmenta li l-ammont hu ezagerat ghaliex qatt ma kien hemm ftehim. Ladarba ppermetta lill-attrici tiehu l-pussess tal-yacht, kien qieghed implicitament japprova l-istima li nghata. Dwar il-*berthing fees* ta' €38 kuljum, f'email datata 23 ta' Awwissu 2008 jinghad:-

*"Our decision has drastically reduced unnecessary expenses on the part of the Owners, and dock rent (amounting to Eur 200.00 per day) will now be charged up to Thursday 21st August, 2008. In the meantime please note that berthing fees payable by the Owners to the Yard, shall be at the rate of Eur 38.00c per day as from Friday 22nd August, 2008."*.

Ukoll f'dan il-kaz ma saret l-ebda oggezzjoni min-naha l-ohra. Wiehed irid japprezza li kienet l-ghazla ta' Guadagnin li jissospendi x-xogholijiet u jhalli l-yacht fis-*shipyard* tal-attrici. F'dan ix-xenarju l-konvenut ma jistax jippretendi li ma jhallasx l-ispejjez.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine u tikkundannahom ihallsu lill-attrici s-somma ta' mija u ghaxart elef disgha mija u sebgha u sittin ewro u wiehed u sittin centezmu (€110,967.61), bl-imghax mid-data tal-hrug ta' kull invoice. Spejjez a karigu tal-konvenuti nomine, b'dan li d-dritt tal-kuraturi**

[9] Datat 14 ta' Frar 2008. Fl-ittra jinghad: "*We understand that your intention is to bring NAVIGATOR, presently registered in Miami, back to the quality yacht she was years ago. Great care has been taken to include estimates for all the works described in your specifications."*.

**ghandhom provizorjament jithallsu mill-attrici bi dritt li jirkuprawhom minghand il-konvenut**.

**2. Tichad it-talba li saret permezz ta' rikors prezentat fil-5 ta' Ottubru 2011 skond l-Artikolu 864 tal-Kap. 12, in kwantu hi tal-fehma li dak il-provvediment ma japplikax ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u r-raguni li nghatat fl-istess rikors.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------